



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9977/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0160(NLE)

MI 469
ECO 50
ENT 116
UNECE 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9699/23 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolament dwar il-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-proposti għal modifiki tar-regolament tan-NU Nri 13, 16, 24, 41, 49, 51, 54, 75, 78, 79, 83, 85, 94, 95, 101, 109, 110, 117, 127, 129, 134, 135, 137, 153 u 155, dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet globali reali fis-sewqan, dwar proposta għal modifika tal-GTR Nru 13 tan-NU, u dwar proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar il-kejl fil-laboratorju tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għal vetturi ħfief - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz tal-proposta ta' hawn fuq fl-4 ta' Mejju 2023.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar l-abbozz tal-proposta fl-10 ta' Mejju 2023. Il-proposta tressqet formalment u ġiet eżaminata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-25 ta' Mejju 2023, wara li ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-23 ta' Mejju 2023.
3. Fit-30 ta' Mejju 2023, id-delegazzjonijiet qablu li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni sabiex jittieħed kont tal-Emenda għal ECE/TRANS/WP.29/2022/58 (Metodu Ġdid ta' Valutazzjoni/Ittestjar għal Sewqan Awtomatizzat (NATM) għall-Validazzjoni tas-Sistema ta' Sewqan Awtomatizzat (ADS)), bid-dokument ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2023/44/Rev.1, li ma kienx fuq l-aġenda tal-190 sessjoni tad-WP.29 tal-UNECE f'mument meta l-Kummissjoni nediet il-proċess ta' adożzjoni tal-proposta tagħha.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'waħda mil-laqgħat li jmiss, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 9705/23 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi lingwisti.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-adożzjoni ta' din id-Deċiżjoni.